Minuti tal-ħamsa u tletin (35) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis 29 ta' Lulju 2010 fil-5.30pm.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

<u>Sindku</u>: Is-Sur Saviour Borg

<u>Kunsilliera</u>: Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef
Is-Sur Lorry Apap

<u>Segretarju Eżekuttiv</u>: Is-Sur Karl Vella

## 1. TALBA

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permess ta' talba.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li l-Viċi Sindku kellu laqgħa oħra u kien ser jattendi għal-laqgħa aktar tard.

## 2. QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Peress li l-Minuti tal-laqgħa numru 33 kienu ntbagħtu permezz ta' email mis-Segretarju Eżekuttiv dawn ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Peress li ħadd ma talab għal xi korrezzjonijiet, dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu ma laħaqx lesta l-Minuti tal-laqgħa preċedenti.

Is-Sindku saqsa jekk l-ittri li joħorġu mil-laqgħat kienux intbagħtu kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kważi bagħtom kollha. Is-Sindku ppropona li għanda titressaq kopja tal-ittri li jkunu ntbagħtu fuq il-mejda qabel il-laqgħa.

Il-Kunsillier Horace Micallef saqsa jekk setgħetx issir laqgħa mingħajr ma jkunu lesti l-Minuti tal-Laqgħa preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx jaf u aħjar jiċċekja x'hemm fil-liġi. Is-Sindku spjega li jekk din il-laqgħa titħassar ma nkunux nistgħu noħorġu l-offerta tal-Public Private Partnership għax din għandha tinħareġ s'għada. Il-Kunsillier Micallef ppropona li l-Minuti għandhom jiġu mgħoddija lill-Kunsilliera qabel ma ssir il-laqgħa sabiex ikunu jistgħu jaqrawhom qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv talab li jkun skużat sabiex ikun jista jiċċekja x'tgħid il-liġi. Il-Kunsillier Micallef qal li skond il-liġi, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jagħti raġuni valida għaliex il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti ma kienux lesti. Is-Sindku spjega li r-raġuni li l-Minuti ma kienux lesti hi li s-Segretarju Eżekuttiv kellu bżonn jidħol erbat ijiem l-isptar. Il-Kunsilliera Micallef u Cefai ikkonfermaw dan għaliex


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

huma żaru lis-Segretarju Eżekuttiv l-Isptar. Peress li s-Segretarju Eżekuttiv ta' raġuni valida, il-Kunsillier Micallef irtira d-domanda tiegħu u talab sabiex il-laqgħa tkompli. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw li din kienet raġuni valida.

Il-Kunsillier Micallef għaldarb'oħra reġa ppropona li l-Minuti jintbagħtu lill-Kunsilliera tlett ijiem qabel il-laqgħa. Hu qal li kien għamel dan il-proponiment madwar sentejn ilu. Is-Sindku qal li skond il-liġi l-Minuti jistgħu jinqraw waqt il-laqgħa. Is-Sindku kompla billi qal li mhux dejjem il-Minuti jkunu lesti tlett ijiem qabel.

## 3. QARI TAL-MEMOS, ILMENTI / SUĠĠERIMENTI U KORRISPONDENZA PRINĊIPALI

### 3.1 Memos

3.1.1 Memo 86/2010 – Nofstanhari fis-Sajf
3.1.2 Memo 87/2010 – Mistoqsija Parlamentari 18973
3.1.3 Memo 88/2010 – Mistoqsija Parlamentari 18974
3.1.4 Memo 89/2010 – Website www.lc.gov.mt
3.1.5 Memo 90/2010 – Mistoqsija Parlamentari 19072
3.1.6 Memo 91/2010 – Oġġetti u servizzi mixtrija (ammonti tal-fuq minn €1,164.69)
li ngħataw b'direct order mill-2006 sallum (it-2 ta' Lulju 2010)
3.1.7 Memo 92/2010 – Proċeduri dwar il-Ħatra ta' Viċi President fuq Kull Kumitat Reġjonali
3.1.8 Memo 93/2010 – Skema ta Għajnuna ta' Finanzjarja għal korsijiet *Lifelong Learning*
3.1.9 Memo 94/2010 – Skema ta' Finanzjament għall-Proġetti u Inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-Lokalitajiet tagħhom
3.1.10 Memo 95/2010 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2011
Is-Sindku ppropona li l-Kunsill itellgħa Attivita' ta' Logħob ta' Nar nhar is-Sibt 26 ta' Marzu 2011 fl-għeluq tal-100 sena tal-parroċċa. Is-Sindku qal li ser jagħmel appuntament mal-Kappillan sabiex tiġi diskussa din l-attivita'.
3.1.11 Memo 96/2010 – Mistoqsija Parlamentari 18881
3.1.12 Memo 97/2010 – Mistoqsija Parlamentari 18885
3.1.13 Memo 98/2010 – Mistoqsija Parlamentari 18882
3.1.14 Memo 99/2010 – Mistoqsija Parlamentari 19272
3.1.15 Memo 100/2010 – Mistoqsija Parlamentari 19273
3.1.16 Memo 101/2010 – Kap 363: Att dwar Kunsilli Lokali
3.1.17 Memo 102/2010 – Lista ta' Pagamenti
3.1.18 Memo 103/2010 – Ħinijiet Minimi Obbligatorji tal-Ftuħ ta' Uffiċċini tal-Kunsilli Lokali
3.1.19 Memo 104/2010 – Rapporti tal-Udituri tal-Gvern Lokali għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2009.


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

**3.2 Ilmenti**

a. Id-Dama Maryanne Zammit bagħtet email fejn ilmentat li fi Sqaq ta' fuq il-Lunzjata kien qiegħed isir xi xogħol fuq ordni tal-Kunsill. Hi qalet li dan is-sqaq hu privat u għaldaqstant ix-xogħolijiet li jsiru fih iridu l-approvazzjoni tagħha. Is-Sindku spjega li l-aħwa Francis u Salvinu Cassar, li bħalissa joqogħdu f'dan l-isqaq, ilmentaw li hemm id-dlam f'dan l-isqaq u talbu li l-ewwel fanal jitressaq aktar il-ġewwa. Għaldaqstant is-Sindku kompla li hu kien qal lill-*electrician* imqabbad mill-Kunsill, is-Sur Christian Gauci, sabiex iressaq il-fanal li hemm f'dan l-isqaq aktar il-ġewwa. Waqt li is-Sur Gauci kien ser jibda jagħmel ix-xogħol, id-Dama Zammit ratu u qaltlu biex jieqaf. Is-Sindku qal li Is-Sur Gauci informah b'dan u hu qallu biex jieqaf. Is-Sindku xtaq iqajjem żewġ punti:
   - Madwar sentejn ilu, ftit qabel ma d-Dama Zammit kienet ħa tibni, xi ħadd qala dan il-fanal mingħajr l-ebda notifikazzjoni lill-Kunsill. Hu kompla billi qal li kieku min qalgħu reġgħa waħlu fejn kien probabilment ma kienetx tinqala din il-kwistjoni.
   - Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jistenna s-sentenza tal-Qorti u jekk dan l-isqaq jiġi ddikjarat li hu privat għandna nitolbu parir lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif għandu jimxi l-Kunsill.

b. Is-Sindku ressaq ilment li rċieva dwar dgħajsa abbandonata fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi. Ħa jintalab parir x'jista' jsir mill-Pulizija.

**3.3 Korrispondenza Prinċipali**

a. Nhar il-Ħamis 8 ta' Lulju ser issir laqgħa ta konsultazzjoni bit-titlu *From Policy to Strategy: A Way Forward For Culture in Malta* gewwa Dar il-Meditterran fid-9am.
b. Nhar id-9 ta' Lulju 2010 ser jittella seminar bit-titlu *Energy* ġewwa l-Arka Foundation f'Għajnsielem.
c. Il-KMS ser jorganizzaw diversi attivitajiet sportivi fuq perijodu ta' 8 ġimgħat għal tfal bejn it-12 u 14 il-sena.
d. Ġejna nfurmati li t-talba tagħna sabiex it-€3,500 fondi taħt Memo 42/2009 (Attivitajiet kulturali) ma jistgħux jiġu użati f'Marzu 2011, għar-raġuni li nistgħu napplikaw taħt l-iskema ta' din is-sena.
e. Ġejna nfurmati li bejn id-9 u 11 ta' Settembru 2010 ser jittella' l-*Qormi Bread Festival*.
f. Nhar it-12 ta' Lulju 2010 il-MEUSAC ser jorganizzaw laqgħa ta' konsultazzjoni rigward il-*Water Catchment Management Plan.*
g. Ġejna nfurmati mill-MEPA li l-bilanc li għandu l-Kunsill taħt l-UIF hu ta' €9,434. Is-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jieħu ħsieb biex jimla l-applikazzjoni tal-UIF sabiex nutilizzaw dawn il-fondi għas-sistema ġdida ta' dawl fi Triq l-Isptar San Ġiljan kif kien sar qbil fil-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal hu kien mela xi dettalji rikjesti fl-applikazzjoni u kien ser jgħaddiha lill-Inginier tal-Kunsill biex ikompli jimla l-applikazzjoni.


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

h. Transport Malta infurmawna li nhar id-9 t'Awissu dieħel *Cruise Liner* b'1950 passiġġieri ġewwa l-Mġarr, Għawdex. Għaldaqstant ġejna mitluba sabiex ma nagħlqux toroq f'din id-data.
i. Ircivejna dokument li jirrigwarda l-Iżvilupp propost f'Ħondoq ir-Rummien, fl-opinjoni tal-Kummisjoni Interdjoċesana Ambjent.
j. Wara li ġbidna l-attenzjoni tad-Direttur Portelli li wara li tlesta x-xogħolijiet fil-Belvedere ta' Mulejja il-Kuntrattur ma kienx naddaf warajh, hu weġibna li kien informa lill-kuntrattur sabiex jieħu ħsieb inaddaf. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jibgħat email lid-Direttur sabiex kif maqbul miż-żewġ partijiet issir laqgħa fuq il-post bejn is-Sindku u d-Direttur sabiex jiġi vverifikat li x-xogħol sar sew. Dan ix-xogħol twettaq fiż-żmien stipulat mill-Kunsill. Hemm ħsara f'waħda mill-gradi tal-culvert
k. IS-Sindku tar-Rabat, Samuel Azzopardi, informa lis-Sindki Għawdxin li nhar il-Ħamis 29 ta' Lulju fil-5pm ser issir laqgħa mal-Onor Chris Said rigward l-Kumitat Reġjonali ta' Għawdex.
l. Transport Malta infurmawna li kienu rċievew id-dokumenti neċessarji kollha sabiex ir-Reserved Parking Bay ta' Chantelle Marie Bugeja titħalla fejn hi. Is-Sindku ppropona li nerġgħu niktbu ittra oħra lil Transport Malta biex għal darb'oħra nerġgħu nsaqsuhom għalfejn mas-Sur Carmelo Cordina mxew b'mod differenti.
m. Transport Malta kkuppjawna fl-ittra li bagħtu lid-Direttur Portelli sabiex tapprova li jitwaħħlu *crash barriers* quddiem ir-residenza 64, fi Triq l-Isptar San Ġiljan.
n. Il-MEPA gibdu l-attenzjoni tas-Sur Joseph Portelli li kien hemm ksur tal-kontroll ta' l-ippjanar f'sit 37, 38, u 39 Triq l-Isptar San Ġiljan, Fontana. Għaldaqstant Mr Portelli ġie mitlub li jieqaf minn kull żvilupp u jissottometti applikazzjoni sanatorja.

Il-Vici Sindku daħal fil-kamra fis-6.10pm

o. L-MEPA nfurmawna li Wied Kantra ġie protett bħala żona speċjali ta' konservazzjoni ta' importanza internazzjonali. Skond il-Gazzetta tal-Gven diversi żoni tal-Fontana jagħmlu parti minn dik iż-żona, fosthom Wied il-Lunzjata, l-inħawi tas-Saqwi, flimkien max-xagħri ta' quddiem Manresa.
p. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali infurmana li tnaqsulna €139.76 mit-tielet *tranche* għas-servizz ta' Wifi li jkopri l-perijodu Jannar - Ġunju 2010.
q. Ġejna nfurmati li l-applikazzjoni tal-Kunsill taħt Memo 45/2010 - PPP fuq Toroq, ġiet aċċetta.
r. Is-Sur Cleavon Vella għadda t-talba tal-Kunsill sabiex il-kuntratt tad-devoluzzjoni ta' fond 191 tkun ta' 15 il-sena u mhux 3 snin lis-Sur Aldo Cutajar, impjegat fid-Dipartiment tal-Artijiet.
s. L-AKL bagħtulna kopja tal-ftehim li sar mal-WSC dwar ir-*reinstatement* tat-toroq.


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

t. L-AKL infurmawna li l-Kunsilli Lokali ma għandhomx iħallsu lil WasteServ aktar milli jingħatalhom mill-Gvern fl-allokazzjoni finanzjarja għal ġbir ta' skart organiku.
u. L-AKL infurmawna li wara diskussjoni mal-Wasteserv se jibda proċess ta' verifikazzjoni tal-ġbir tal-iskart permezz ta' spetturi li sa jakkumpanjaw lill-kolletturi waqt il-ġbir matul ġimgħa partikolari. Għaldaqstant l-Kunsilli Lokali li jixtiequ jidħlu f'din l-iskema għandhom jinfurmaw lill-AKL.

**4. MATERJI OĦRA**

4.1 Il-Kunsill approva 14 il-siegħa *time-in-lieu* tas-Sur Joe Mercieca għax-xogħol ta' knis li għamel matul il-festi tal-Qalb ta' Ġesu nhar is –Sibt 19 ta' Ġunju filgħaxija u nhar il-Ħadd 20 ta' Ġunju 2010 filgħodu.

4.2 Wara li ġie diskuss il-ħruġ ta' diversi offerti l-Kunsill qabel li jitlob l-ammont ta' €25 għal kull kopja tal-Offerta tar-Restawr tal-Għajn tal-Loġoġ, €50 għal kull kopja tal-Offerta tal-*Patching with Hot Asphalt* u €100 għal kull kopja tal-offerta tal-PPP fuq Toroq.

4.3 Il-Viċi Sindku semma li twaħħlet *billboard* għall-attivita' sportiva li ser tiġi organizzata bejn il-Kunsill Lokali tal-Fontana u tal-Munxar. Is-Sindku qal li għal dan il-għan kien tqassam avviż f'kull dar fil-lokalita sabiex ir-residenti jkunu nformati b'din l-attivita.

4.4 Il-Kunsillier Cefai flimkien mal-ħaddiem Joe Mercieca marru jarmu xi apparat elettroniku li ġie ċċertifikat li hu bla valur fic-Civic Amenity Centre, fix-Xewkija.

4.5 Il-Kunsillier Micallef qal li hu flimkien mal-ħaddiema tal-Kunsill kien iċċekja jekk l-ilma tax-xita hux dieħel fil-ġibja tal-Kunsill billi tefa' xi bramel mimlijin bl-ilma fit-toqob li hemm fil-*playing field* l-ilma li suppost imur għal ġol-ġibja. Hu qal li toqba waħda biss kienet qiegħda twassal l-ilma għall-ġibja. L-ilma li kien qiegħed jintefa fit-toqob l-oħra kien qiegħed ħiereġ għal ġot-triq. Il-Kunsillier Apap qal li dejjem hekk kien ippjanat. Is-Sindku qal li l-art tal-ġibja mhux miksija u jista' jkun li għalhekk li l-ġibja mhux iżżomm ilma. Ġie propost li jinġieb *boozer* ilma u jintefa fil-ġibja ħalli jiġi vverifikat jekk il-ġibja żżomx ilma. Il-Kunsill qabel. Jekk ma jkunx il-każ, il-Kunsill qabel li l-art tal-ġibja għanda tinkesa u jiġi mqabbad Tarcisio Xerri li għamel ix-xogħol ta' bajjad.

4.6 Il-Kunsill reġa' talab lil Green MT sabiex issir laqgħa magħhom sabiex jiġi diskuss il-kuntratt tal-ġbir ta' skart separat li ġie ffirmat biex inkunu nafu l-ġranet li ser jinġabar l-iskart separat sabiex tkun tista' toħroġ l-offerta tal-ġbir ta' skart domestiku.

4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku nformaw lill-applikanti li kienu wrew interess li jinstallaw sistema ta' pannelli fotovoltajiċi fir-residenza tagħhom li l-Kunsill ma kienx ser ikompli bil-proċess u informawhom li kienet ħarġet l-offerta tal-Gvern.

4.8 Is-Sindku qal li:



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

4.8.1 Ġie mgħoti s-*service* lil *Fire Extinguishers* li hemm fis-Sala tal-Komunita. Is-Sindku ppropona li għandhom jinxtraw żewġ *fire extinguishers* żgħar għal *MultiPurpose Room* peress li dan hu rikjest mill-*Insurance Policy* tal-Kunsill.

4.8.2 It-*target date* li l-uffiċċju tal-Kunsill ser jiġi trasferit għall-*MultiPurpose Room* tal-Kunsill hi 16 t'Awissu. Is-Sindku spjega li l-ħaddiema tal-Kunsill kienu diġa niżlu diversi affarijiet fl-Uffiċċju l-ġdid.

4.8.3 Kien qiegħed isir xi vandaliżmu fil-*Playing Field* tal-Kunsill. Hu qal li l-ġimgħa l-oħra kienu nqalgħu xi tapiti.

4.8.4 Il-ħaddiema tal-Kunsill għamlu manutenzjoni, knis u tindif kull fejn kien hemm bżonn.

4.8.5 Hu kien iltaqa' mal-Perit Saliba sabiex jiddiskutu rigward il-*water culvert* fi Triq l-Isptar San Giljan, li hu propost li jibda minn quddiem Triq is-Sajjieda sal-kantuniera ta Triq il-Għajn. Il-Kunsill qabel.

4.8.6 Ġie nnotat il-bollard fi Triq Wied Siekel kien nieqes, kif ukoll kien inkiser il-fanal taz-*zebra crossing* b'daqqa ta' vettura fi Triq il-Kappillan Hlli. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien bgħat ittra lill-Pulizija sabiex jagħmel rapport. Is-Sindku qal li għandna nippruvaw niġbru l-flus mill-*Insurance Policy* li għandu l-Kunsill.

4.8.7 Is-Sindku ppropona li ssir ħarġa Malta fl-għaxija fl-okkażżjoni tan-Notte di San Lorenzo fil-Birgu nhar it-Tnejn 9 t'Awissu. Naqbdu l-vapur tas-6.00pm u niġu lura mal-vapur tas-1.00am. Ħlas għal din il-ħarġa ikun bħas-soltu (€2.50 għar-residenti u €7.50 għal dawk li ma humiex residenti). Il-Kunsill qabel.

4.8.8 Saret ħarġa soċjo-kulturali ta' nofs ta' nhar f'Għawdex. Kellna quddiesa fir-Rotunda tax-Xewkija fl-okkażżjoni tal-festa ta' San Ġwann, wara żorna t-torri u l-bajja tad-Dwejra kif ukoll ġie offrut mill-Kunsill kafe' u *snack* fil-Mina Restaurant. Attendew 36 persuna fosthom is-Sindku, il-Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef.

4.8.9 Saret ħarġa soċjo-kulturali għal Malta fl-okkażżjoni tal-Imnarja. Żorna l-Buskett fejn kien hem mil-wirja agrarja l-Imdina u l-istabiliment ta' JardenLand. Attendew 29 persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef.

4.8.10 Saret laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill ma rappreżentanti tal-Kunsill Lokali tal-Munxar dwar attivitajiet sportivi fil-Bajja tax-Xlendi. Attendew is-Sindku, Viċi Sindku, u Segretarju Eżekuttiv, flimkien mas-Sindku u Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Munxar u żewġ rappreżentanti tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi. Wara saret laqgħa oħra fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Munxar fejn attendew il-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

4.8.11 Saret ħarġa soċjo-kulturali għal Sqallija. Żorna l-ibliet ta' Modica u Ragusa, fejn żorna l-laboratorju taċ-ċikkulata, *wine* u *oil tasting*, kif ukoll kelna l-ikla ta' nofs inhar f'*farmhouse* tradizzjonali Sqalli. Attendew 22 persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef.



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

4.8.12 Bdiet titwaħħal is-sistema ta' enerġija alternattiva għall-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku.

4.8.13 Saret laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill mas-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said dwar l-andamentu problemi li jiltaqgħu magħhom il-Kunsill. Attenda s-Sindku, u l-Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef. Wara saret żjara fl-Għajn ta' Bendu fejn dan l-aħħar sar xogħol ta' restawr b'fondi mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

4.8.14 Twettaq l-ilment ta' Maria Buttiġieġ dwar grada fi Triq il-Għajn.

4.8.15 Saret telefonata lis-Sur Vincent Azzopardi, Chairman tal-Iskema tal-Ħaddiema tal-Kommunita, biex ningħataw aktar ħaddiema.

**5. MISTOQSIJIET**

5.1 Il-Kunsillier Micallef saqsa jekk hux possibli li tinqaleb ċappetta tal-bibien tal-*public toilets* għaliex kien hemm xi tfal li ppruvaw jaqalgħu l-bibien. Dan għar-raġuni li l-bibien jinqalgħu faċilment jekk terfagħhom u jkun aħjar jekk tinqaleb iċ-ċappetta biex ma ssirx ħsara.
Is-Sindku qal li ser jinforma lil min għamel il-bibien sabiex jieħu ħsieb li jsir kif issuġġerixxa l-Kunsillier Micallef. Is-Sindku qal li trid issir *shutter* għal bieba kif ukoll issir xi forma ta' boxxla għall-bieb tal-*MultiPurpose Room*.

5.2 Il-Kunsillier Micallef saqsa jekk hux possibli li jinqala' kantun mill-entratura tal-*public toilets* sabiex tiġi ċċirkolata l-arja fl-*istore* ta' taħt it-taraġ peress li hemm ħafna umdita'.
Il-Kunsillier Apap qal li ser jittawwal fuq il-post u jekk ikun possibli li jsir kif qiegħed jiġi propost għandu jitwaħħal *shutter* tal-*aluminium*.

**6. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET**

Is-Sindku qal li Ray's Catering Service kien ġab il-kont tal-ikla tal-Milied 2009 li kienet organizzata lill-anzjani li jgħixu waħedhom fil-lokalita. Hu qal li s-Segretarju Eżekuttiv kien iċċekja fir-*records* tal-Kunsill u dan il-kont qatt ma kien tħallas.

Il-kontijiet mehmużin ma dawn il-Minuti ġew approvati mill-Membri tal-Kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.45pm. Laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta 31 t'Awissu 2010 fil-5.30pm fis-Sala tal-Komunita'.

| | |
|---|---|
| Karl Vella | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt